*REVOKA MANDAT*

*ART 836(1)(C) U (F) TAL-KAP 12*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Hamis 3 ta' Mejju 2018

## Rikors Guramentat Numru : 247/2018/LSO

**Wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Numru 1058/16 Mahrug fil-15 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet :-**

**Emanuela Schembri (260164M), Gemma Mercieca (39559M), Maria Dolores Attard (29665M), Philip Mifsud (376457M), Agnes Zammit (391654M); Joseph Mifsud**

**vs**

**Michael Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmelo Mifsud [99073 (M)] c/o 'Tas-Surmast F/House' Wied Baqqiegha, Zebbug, Malta. maghmul fit-termini tal-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligiiiet ta' Malta datat 18 ta' Marzu 2018 fejn espona: -

Illi s-sekwestranti intavolaw dan il-mandat kawtelatorju sabiex jikkawtelaw pretensjoni taghhom kontra missierhom ghal hlas tas-sehem riservat fuq il-wirt ta' ommhom. Illum il-missier gie nieqes ukoll u l-eredi tieghu huwa ibnu l-esponenti.

Illi minbarra dan il-mandat is-sekwestranti intavolaw mandat iehor (ta' inibizzjoni) sabiex ma tinbieghx il-proprjeta` tal-omm kollha kemm hi fejn jirrizulta illi hemm proprjeta` konsiderevoli u ta' valur sostanzjali. L-esponenti aderixxa ghal dan il-mandat u dan l-istess mandat gie akkolt. Il-mandat fl-istess ismijiet igib in-numru 1067/16.

Illi l-hlas tal-legittima huwa ampjament kawtelat b'dak il-mandat, fejn il-mandat inhareg fuq il-proprjeta` immobli

**kollha** li kellha l-omm; dan meta huwa stabbilit legalment illi l-legittima ma tistax taqbez nofs il-proprjeta` tad-*decius*, u fejn f'din il-procedura tlieta minn l-ahwa l-anqas qed ifittxu ghal legittima.

Illi l-propjreta` li giet iffrizata giet stmata mill-Perit Paul Micallef u din fiha valur li jaqbez il-miljun u nofs ewro, fil-fatt it-total tal-proprjeta` kollha huwa ta' €1,527,000.

Illi ghalhekk l-pretensjoni tas-sekwestranti hija gia ben kawtelata.

Kopja ta' din l-istima qed tigi annessa u markata dokument 'A''.

Illi l-esponenti jemmen illi fit-termini tal-artikolu 836 (1) din il-pretensjoni tinsab diga` kkawtelata tajjeb permezz ta' mandat kawtelatorju iehor. Illi f'tali cirkostanzi l-ligi tippermetti l-elevazzjoni ta' dan il-mandat.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet suesposti liema ragunijiet jinkwadraw ruhhom fir-rekwiziti msejha **minn l-artikolu 836 (1) paragrafi 'c' u 'f' tal-Kap 12** tal-ligijiet ta' Malta, tirrevoka u thassar dan il-mandat kawtelatorju.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' April 2018 fil-11:30am, u gie ordnat n-notifika lill-kontro parti li peremzz ta' nota fi zmien sebat ijiem min-

notifika tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m' ghandhomx jintlaqghu.

Rat ir-risposta ta' Emanuela Schembri - ID 260164(M) datata 4 ta' April 2018 (fol 10) fejn esponiet :

Illi l-esponenti jopponu ghall-hrug tal-kontro mandat *stante* li apparti li huma ma jafdawx lill-intimat u kwalsiasi stimi li huwa jipproduci, isostnu li barra l-proprjeta` in kwistjoni hemm ukoll *bonds* u *shares* li gew likwidati u zbankati u r-rikavat sparixxa, u kif ukoll inghataw diversi donazzjonijiet li l-valur taghhom ghadu mhux maghruf, oltre l-fatt ukoll illi kien hemm mimli xkora flus kontanti li giet minn rikavat tal-bejgh ta' diversi bicciet ta' pittura prezzjuza hafna u liema kwantita` ta' flus kontanti ghosfru wkoll u hadd ma jaf x' xar minnhom.

Tant ghandhom x'jissottomettu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 10 ta' April 2018 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Mompalao ghal Carmel Mifsud prezenti fl-Awla, u Dr Victor Bugeja ghal Emanuela Schembri et prezenti fl-Awla. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru: 1058/16. Dr Bugeja ddikjara li l-assi elenkati fl-istima tal-Perit Micallef huma l-assi immobbli li fuqhom l-ezekutanti qed jitolbu s-sehem riservat, izda apparti dawn l-assi hemm assi likwidi u assi ohra li gew donati u allura l-valur tas-sehem riservat jiddependi wkoll mir-reintegrazzjoni tal-massa ereditarja. Ma jaqbilx dwar il-valutazzjoni mghotija

f'dan l-istadju. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tar-Rikors ghar-Revoka Nru: 742/2016/LSO li gie degretat minn din l-istess Qorti. Dr Mompalao talab li f'dan l-istadju jesebixxi stima mahlufa tal-Perit Micallef. Dr Bugeja oppona u talab l-isfilz. Il-Qorti cahdet iz-zewg talbiet. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz tieghu r-rikorrent qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru fuq premess abbazi tal-**artikolu 836(1)(c) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** peress li jsostni li l-jedd ikkawtelat bil-mandat huwa sufficjentement garantit b'Mandat ta' Inibizzjoni mahrug fl-istess ismijiet li jgib in-numru 1067/16.

Illi jirrizulta mill-atti li l-ezekutanti istitwew proceduri kontra missierhom, Michael Mifsud, ghall-hlas tas-sehem riservat taghhom mill-wirt ta' ommhom Maria Assunta Mifsud, li kienet premorjenti. Michael Mifsud miet fil-mori tal-proceduri u r-rikors odjern gie intavolat mill-werriet tieghu li wkoll huwa parti mill-proceduri kontenzjusi pendenti quddiem din il-Qorti.

**Dritt:**

Illi r-rikorrent qed jinvoka l-artikoli **836(1)(c) u (f) tal-Kap 12** li jiddisponu li mandat jista' jigi revokat *inter alia*:

*"(c) jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug tal-att kawtelatorju iehor jew inkella dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni;"*

*"(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**).

Illi ghalhekk isegwi li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. (GMA) 23 ta' Gunju 1994: "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et**"). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa

t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

**Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-subartikoli citati mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.**

**Art. 836(1)(c)**

F'dan il-kuntest, jinghad li sabiex il-Qorti tasal ghat-thassir ta' mandat skont l**-artikolu 836(1) (c)** tal-Kap 12, din il-Qorti trid tkun sodisfatta li hemm garanzija ohra li tista' tassigura l-pretensjoni dovuta (ara **Mabrouk Limited vs Joseph Ciantar**, P.A. (JZM) deciza fl-10 ta' Jannar 2013).

Illi l-frazi "*garanzija xierqa ohra*" kienet imfissra minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-provvediment fl-ismijiet **Helen Camilleri vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw il-wirt battal tal-mejjet Dun Luigi Camilleri** (25.04. 2014 JRM): -

*"Illi biex jista' jinghad li tezisti garanzija xierqa ohra li taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' min talab il-hrug tal-Mandat ghall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kodici, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi hdan li stess persuna ezekutata, u dan, generalment, minn stharrig tal-*

*gid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "*bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor*". .......*

*Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tal-intimat ezekutant jaqa' biss fuq il-parti ezekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun wahda soda, cara u realizzabbli lill-ezekutant;(emfasi mizjuda)."*

Illi, jispetta lill-ezekutat illi jgib il-prova li l-istess proprjeta' immobbli toffri garanzija xierqa li tista' tissodisfa l-pretensjonijiet tal-esponent nomine.

Illi huwa pacifiku li s-sehem riservat fil-kaz odjern qed jigi ikkalkolat fuq in-nofs(1/2) tal-assi ereditarju tal-omm. Skont l-ezekutat, bil-mandat ta' inibizzjoni gew milquta l-beni kollha immobbli appartenenti lill-wirt imsemmi. Huwa esebixxa stima tal-perit tieghu fejn dawn l-immobbli huma stmati fil-valur ta' €1,527,000.

Illi mad daqqa t'ghajn il-kontestazzjoni odjerna hija wahda semplici. Is-sehem riservat jolqot biss in-nofs mill-wirt u kwindi gjaladarba l-jedd tal-legittimarji huwa ikkawtelat b'mandat fuq l-immobbli kollha appartenenti lill-wirt, isegwi li ma hemmx iktar il-htiega taz-zamma fis-sehh tal-mandat ta' sekwestru.

Illi l-ezekutanti ma accettawx l-istima *ex parte,* kif ukoll issottomettew li l-assi tad-decujus kienu jinkludu wkoll assi likwidi u li, ghal fini tal-komputazzjoni tas-sehem rizervat ,

jenhtieg li jigu kkalkolati wkoll id-donazzjonijiet maghmula mid-decujus.

Illi d-dritt ghal-legittima (llum maghruf bhala s-sehem rizervat) *ai termini* tal-**artikolu 615 tal-Kap 16**, huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet.

Illi bl-emendi li dahlu fis-sehh permezz ta' l-Att XVIII ta' 2004, sar tibdil radikali fir-rigward tal-legittima, li issa tissejjah porzjoni rizervata, fis-sens li d-dritt hu kreditu tal-valur tal-porzjon riservat fil-konfront tal-eredita`. B'hekk, tnehha l-kuncett tas-sehem tal-beni tal-mejjet.

**Torrente** f' "Manuale di Diritto Privato" p. 934 *et seq*., ighid:

*"Per determinare l'ammontare delle quote di cui il decuius poteva disporre devesi procedere:*

*a) alla formazione della massa di tutti i beni che appertenevano al defunto all'epoca della sua morte;*

*b) alla detrazione dei debiti*

*c) alla riunione fittizia delle donazioni al patrimonio netto."*

Ighid ukoll li *ai fini* tar-*riunione fittizia "si calcolano I valori dei beni che appartenevono al defunto al tempo dell'apertura della successione (ir relictum - cio che e' satato lasciato). Dalla somma stessa si detraggano i*

*debiti…..Al risultato cosi ottenuta si aggiungono i beni di cui il testatore abbia eventualmente disposto in vita a titolo di donazione (donatum) di regola secondo il valore che avevano al tempo dell'apertura della successione. Sull'asse cosi formate si calcola la quota di cui il testatore poteva disporre (disponibile)."*

Taqbel ma' dak sottomess mill-intimati ezekutanti, li l-valur tal-patrimonju shih tal-omm defunta ghadu mhuwiex stabbilit u maghruf, *ai fini* tar-reintegrazzjoni tl-massa ereditarja.

Huwa minnu li l-ezekutanti ikkalkolaw il-kreditu taghhom fis-somma ta' €530,000 ghall-fini tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru. Il-valur moghti mill-Perit Micallef jisboq sew din is-somma li kieku din il-Qorti kellha torbot mal-istima peritali. Minkejja li l-kreditu ghadu mhux likwidat billi dan huwa l-mertu tal-kawza/kawzi pendenti bejn il-partijiet, din il-Qorti ghandha thares lejn il-valur iddikjarat fil-mandat sabiex tistabbilixxi l-parametri tal-artikolu 836(1)(c) .

Izda jirrizulta wkoll li l-Perit Micallef ghamel valutazzjoni tal-proprjetajiet skont l-*"open market value"* taghhom minghajr ma jsemmi xejn dwar jekk humiex okkupati jew vakanti. Il-Qorti talbet kjarifika dwar dan il-punt fit-trattazzjoni minn fejn fehmet li mhux il-proprjetajiet kollha huma vakanti. Ghalhekk ma tistax tqies li l-istima hija wahda komprensiva u reali billi l-okkupazzjoni tal-proprjetajiet jimpingi fuq il-valur taghhom.

**Ghaldaqstant tqies li s-subinciz 836(1)(c) mhuwiex applikabbli.**

**Artiklu 836(1)(f)**

Illi fil-kaz fl-ismijiet "***Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea"*** tad-29 ta' Lulju 2005, din il-Qorti kif diversament presjeduta, fl-analiżi tagħha tas-subartikolu 836(1)(f) iċċitat il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Mandat:

*"Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu"*;

Illi din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz "**Spiteri vs Darmanin**" – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni ta' dan is-subartiklu u rriteniet: "*illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, **wara l-hrug ta' mandat**, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh."* (Ara **"Dr. Tonio Fenech noe. vs Dr. Patrick Spiteri et noe.** – P.A. (GC) 3 ta' Awwissu 2001). Din it-tifsira tohrog mill-kliem '*jinzamm*' u '*mhuwiex aktar mehtieg*' li jinsabu fl-imsemmija

disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."

Illi ma intweriex kif setghu tbiddlu c-cirkostanzi minn meta inhareg il-mandat *de quo*. Din il-Qorti hija sodisfatta, kif gja kkonsidrat *supra,* li l-ezekutanti ippruvaw il-jedd *prima facie* taghhom u li, inoltre, sallum ma hemmx prova soddisfacjenti ta' garanzija xierqa alternattiva biex jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom.

Ghaldaqstant qed tichad ukoll din il-kawzali.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talbiet in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent odjern.**

**DEGRETAT.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**03 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**03 ta' Mejju 2018**